**Nru. 1161**

**ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)**

**Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur**

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dr Marco Burlò bħala Nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dr Louisa Vella Bardon u dan għall-perjodu bejn it-18 ta' Novembru, 2015 u t-22 ta' Novembru, 2015.

Illum, 18 ta' Novembru, 2015.

*JANET CALLEJA*
*Għar-Reġistratur, Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili*

**No. 1161**

**NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)**

**Appointment of Notary Delegate/Keeper**

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Marco Burlò to be Notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Louisa Vella Bardon for the period between the 18th November, 2015 and the 22nd November, 2015.

Today, 18th November, 2015.

*JANET CALLEJA*
*F/ Registrar, Court of Revision of Notarial Acts*

**Nru. 1162**

**ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)**

**Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur**

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dr Maria Roberta Mamo bħala Nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dr Paula Mamo u dan għall-perjodu bejn d-29 ta' Marzu, 2016 u t-3 ta' April, 2016.

Illum, 16 ta' Novembru, 2015.

*JANET CALLEJA*
*Għar-Reġistratur, Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili*

**No. 1162**

**NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)**

**Appointment of Notary Delegate/Keeper**

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Maria Roberta Mamo to be Notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Paula Mamo for the period between the 29th March, 2016 and the 3rd April, 2016.

Today, 16th November, 2015.

*JANET CALLEJA*
*F/ Registrar, Court of Revision of Notarial Acts*

**Nru. 1163**

**AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali**

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha

**No. 1163**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Notification of Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental

impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:
*A detailed justification is presented below:*

Numru ta' Riferenza: TRK159546 [EA00031/15]
Post: Sit f'Wied Filep, In-Naxxar, Malta
Proposta: Biex jintuża parti tas-sit għar-riċiklaġġ ta' materjal inert kif ukoll tqegħid ta' *mobile crushers* u vetturi kbar anċillari inkluż sanzjonar ta' kamra żgħira eżistenti li se tintuża bħala uffiċċju.

*Reference Number: TRK159546 [EA00031/15]*
*Location: Site at, Wied Filep, Naxxar, Malta*
*Proposal: To use part of site for recycling of inert material including placing of mobile crushers and other ancillary heavy vehicles including sanctioning of existing small room to be used as site office.*

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jitaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fis-26 ta' Awwissu, 2015 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fit-13 ta' Ottubru, 2015.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on 26th August, 2015 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 13th October, 2015.

| Impatt Potenzjali<br>*Potential Impacts* | Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.<br>*Remarks on mitigation measures, etc.* |
|---|---|
| Ħolqien ta' skart | L-ammont ta' skart solidu li x'aktarx jiġi ġġenerat mill-proġett kemm waqt il-bini u kif ukoll waqt l-operat mhux se jkun sinifikanti, speċjalment meta wieħed iqis in-natura tal-proġett. L-iskart mill-operat se jkun ġestit permezz ta' permess għall-operat. |
| *Waste generation* | *The amount of solid waste likely to be generated by the project during construction and operation is not likely to be significant considering the nature of the project. Operational waste will be managed through an environmental permit.* |
| Impatt fuq il-kwalità tal-arja | Waqt il-kostruzzjoni, huwa mistenni li jitqanqlu xi trabijiet mit-tindif tas-sit, u emissjonijiet ta' *nitrogen oxide* (NOx) minn inġenji tqal. Madankollu, l-ebda impatt sinifikanti mhu mistenni minħabba li ma hemmx riċetturi sensittivi fiż-żona ta' madwar l-iżvilupp u dment li r-Regolamenti fuq il-Ġestjoni Ambjentali ta' Siti tal-Kostruzzjoni (Avviż Legali 295 ta' 2007) jiġu osservati. Waqt l-operat, se jinħolqu trabijiet u ħruġ ta' NOx mill-i*stone crusher* u mit-traffiku operattiv. It-tqanqil ta' trabijiet waqt l-attivitajiet proposti jistgħu jitnaqqsu biżżejjed permezz ta' ddisinjar xieraq tal-impjant (magni mgħottija u ħażna xierqa tal-materjal), ġestjoni xierqa tal-iskart u miżuri oħra li jistgħu jiġu ġestiti permezz ta' reġistrazzjoni ambjentali. |

| | |
|---|---|
| *Impact on air quality* | *During construction, fugitive dust from site clearance and excavation, and Nitrogen Oxide (NOx) emissions from construction vehicles are expected. However, no significant impact is envisaged given that that there are no particular sensitive receptors in the area of influence of the development and as long as the Environmental Management Construction Site Regulations (Legal Notice 295 of 2007) are adhered to. During operation, dust will be generated during the composite slab precast, stone crusher and from operational traffic. Dust generation during the activities proposed can be sufficiently abated through proper plant design (machines located under cover, adequate storage of material), adequate waste management and other measures which could be managed through an environmental registration.* |
| Storbju u vibrazzjonijiet | L-istorbju u l-vibrazzjonijiet waqt il-kostruzzjoni huma mistennija li jiġu limitati għal dawk normalment assoċjati ma' attivitajiet normali f'siti ta' kostruzzjoni. Matul l-operat, l-istorbju u vibrazzjonijiet huma mistennija mill-i*stone crusher,* madankollu minħabba l-lokalità tiegħu (f'żona industrijali) u d-distanza mir-riċetturi sensittivi, il-ħsejjes ġenerati mhux se jkollhom impatt sinifikanti. Barra minn hekk, dan l-impatt jista' jittaffa biżżejjed permezz ta' ddisinjar ta' l-impjant kif xieraq u b'miżuri li jistgħu jiġu ġestiti permezz ta' reġistrazzjoni ambjentali. |
| *Noise and vibrations* | *Noise and vibration during construction are expected to be limited to those typically associated with normal construction site activities. During operation, noise and vibrations will be generated by the stone crusher. However, given its location (within an industrial area) and its distance from sensitive receptors, the generated noise will not have a significant impact. Furthermore, such impact can be mitigated sufficiently through proper plant design and through measures which could be managed by means of an operational permit.* |
| Kwalità tal-Ilma | Is-sit jaqa' f'*drinking water safeguarding zone* u viċin is-sistema ta' widien ta' Wied il-Għasel. Il-proġett jista' jżid ir-riskju ta' kontaminazzjoni tal-ilma permezz tar-rilaxx potenzjali ta' ilmijiet kontaminati fl-ilma tal-pjan. Għalhekk, disinn xieraq u miżuri operattivi għandhom jiżguraw li ma jkunx hemm riskji ta' kontaminazzjoni ta' art jew ilma minn ħruġ ta' inkwinanti. |
| *Water Quality* | *The site falls within a drinking water safeguarding zone and close to the Wied il-Għasel valley system. The project may further increase the risk of contamination of water through the potential release of contaminated waters into the underlying aquifer. Therefore, appropriate design and operational measures should ensure that there are no risks of land or water contamination from the release of pollutants.* |
| Impatt permezz ta' dawl | Matul il-lejl, huma mistennija emissjonijiet ta' dawl aktar minn dak li diġà hemm bħalissa. Madankollu, dawn jistgħu jitnaqqsu bl-użu ta' lampi li jixħtu d-dawl 'l isfel, u billi l-ammont ta' dawl matul il-lejl jitnaqqas għal livelli minimi. |
| *Light pollution* | *During night time, light emissions above the current baseline situation are expected. Nevertheless, these may be reduced through the use of down-lighters and minimisation of nocturnal lighting.* |

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

L-24 ta' Novembru, 2015

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

24th November, 2015